**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru 136/2015**

**tal-11 ta' Ġunju 2015**

**li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2016/2171]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 411/98 [1] ġie mħassar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 [2], billi dawn iż-żewġ Regolamenti huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-referenza għar-Regolament (KE) Nru 411/98 għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 809/2003 [3], li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE, skada fit-30 ta' Ġunju 2008, u konsegwentement ir-referenza għalih għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 810/2003 [4], li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE, skada fit-30 ta' Ġunju 2008, u konsegwentement ir-referenza għalih għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 836/2004 [5], li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE, skada fit-30 ta' April 2007, u konsegwentement ir-referenza għalih għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2009 [6], li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE, skada fit-3 ta' April 2012, u konsegwentement ir-referenza għalih għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(6) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/166/KEE [7] tħassret permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE [8], billi dawn iż-żewġ Direttivi huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentament ir-referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 88/166/KEE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(7) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/299/KEE [9] tħassret permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE [10], billi dawn iż-żewġ Direttivi huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 88/299/KEE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(8) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE [11] tħassret permezz tar-Regolament (KE) Nru 1/2005, billi dawn iż-żewġ Direttivi huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentament ir-referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/196/KEE [12], li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/197/KEE [13], li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

---

[1] ĠU L 52, 21.2.1998, p. 8.
[2] ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.
[3] ĠU L 117, 13.5.2003, p. 10.
[4] ĠU L 117, 13.5.2003, p. 12.
[5] ĠU L 127, 29.4.2004, p. 48.
[6] ĠU L 70, 14.3.2009, p. 9.
[7] ĠU L 74, 19.3.1988, p. 83.
[8] ĠU L 203, 3.8.1999, p. 53.
[9] ĠU L 128, 21.5.1988, p. 36.
[10] ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3.
[11] ĠU L 340, 11.12.1991, p. 17.
[12] ĠU L 94, 12.4.1988, p. 22.
[13] ĠU L 94, 12.4.1988, p. 23.

(11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/198/KEE ([1]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/199/KEE ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/200/KEE ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/201/KEE ([4]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(15) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/202/KEE ([5]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(16) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/203/KEE ([6]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(17) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/204/KEE ([7]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(18) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/205/KEE ([8]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(19) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/206/KEE ([9]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(20) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/240/KEE ([10]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(21) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/187/KEE ([11]) tħassret permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ([12]), billi dawn iż-żewġ Direttivi huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentament ir-referenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/187/KEE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(22) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/265/KEE ([13]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(23) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/266/KEE ([14]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(24) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/267/KEE ([15]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(25) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/268/KEE ([16]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

---

([1]) ĠU L 94, 12.4.1988, p. 24.
([2]) ĠU L 94, 12.4.1988, p. 25.
([3]) ĠU L 94, 12.4.1988, p. 26.
([4]) ĠU L 94, 12.4.1988, p. 27.
([5]) ĠU L 94, 12.4.1988, p. 28.
([6]) ĠU L 94, 12.4.1988, p. 29.
([7]) ĠU L 94, 12.4.1988, p. 30.
([8]) ĠU L 94, 12.4.1988, p. 31.
([9]) ĠU L 94, 12.4.1988, p. 32.
([10]) ĠU L 105, 26.4.1988, p. 28.
([11]) ĠU L 66, 10.3.1989, p. 37.
([12]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.
([13]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 20.
([14]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 21.
([15]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 22.
([16]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 23.

(26) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/269/KEE ([1]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(27) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/270/KEE ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(28) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/271/KEE ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(29) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/272/KEE ([4]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(30) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/273/KEE ([5]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(31) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/274/KEE ([6]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(32) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/275/KEE ([7]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(33) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/276/KEE ([8]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(34) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/664/KEE ([9]) tħassret permezz tad-Direttiva 96/23/KE, billi dawn iż-żewġ Direttivi huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentament ir-referenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/664/KEE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(35) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/558/KEE ([10]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-31 ta' Diċembru 1996 u konsegwentement ir-referenza li ssir għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(36) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/256/KEE ([11]) tħassret permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/657/KE ([12]), billi ż-żewġ Deċiżjonijiet huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-referenza għad-Deċiżjoni 93/256/KEE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(37) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/257/KEE ([13]) tħassret permezz tad-Deċiżjoni 2007/657/KE, billi ż-żewġ Deċiżjonijiet huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-referenza għad-Deċiżjoni 93/257/KEE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(38) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/507/KE ([14]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(39) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/408/KE ([15]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-31 ta' Diċembru 2005 u konsegwentement ir-referenza li ssir għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

---

([1]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 24.
([2]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 25.
([3]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 26.
([4]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 27.
([5]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 28.
([6]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 29.
([7]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 30.
([8]) ĠU L 108, 19.4.1989, p. 31.
([9]) ĠU L 368, 31.12.1991, p. 17.
([10]) ĠU L 358, 8.12.1992, p. 24.
([11]) ĠU L 118, 14.5.1993, p. 64.
([12]) ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8.
([13]) ĠU L 118, 14.5.1993, p. 75.
([14]) ĠU L 203, 6.8.1994, p. 25.
([15]) ĠU L 243, 11.10.1995, p. 17.

(40) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/347/KE ([1]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(41) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/348/KE ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(42) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/349/KE ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(43) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/389/KE ([4]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(44) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/390/KE ([5]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(45) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/492/KE ([6]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(46) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/493/KE ([7]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(47) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/494/KE ([8]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(48) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/495/KE ([9]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(49) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/496/KE ([10]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(50) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/100/KE ([11]) tħassret permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 727/2007 ([12]), billi ż-żewġ Deċiżjonijiet huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-referenza għad-Deċiżjoni 2003/100/KE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(51) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/478/KE ([13]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fit-30 ta' Ġunju 2010 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(52) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/486/KE ([14]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fit-30 ta' Ġunju 2012 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(53) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(54) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 135, 6.6.1996, p. 29.
([2]) ĠU L 135, 6.6.1996, p. 30.
([3]) ĠU L 135, 6.6.1996, p. 31.
([4]) ĠU L 155, 28.6.1996, p. 60.
([5]) ĠU L 155, 28.6.1996, p. 61.
([6]) ĠU L 223, 11.8.1998, p. 7.
([7]) ĠU L 223, 11.8.1998, p. 8.
([8]) ĠU L 223, 11.8.1998, p. 9.
([9]) ĠU L 223, 11.8.1998, p. 10.
([10]) ĠU L 223, 11.8.1998, p. 11.
([11]) ĠU L 41, 14.2.2003, p. 41.
([12]) ĠU L 165, 27.6.2007, p. 8.
([13]) ĠU L 189, 12.7.2006, p. 7.
([14]) ĠU L 165, 26.6.2008, p. 8.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-testi tal-punti 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 88/299/KEE), 3 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/187/KEE), 5 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/664/KEE), 6 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/558/KEE), 8 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/256/KEE), 9 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/257/KEE), 20 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/100/KE), 22 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 836/2004), 33 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/478/KE), 34 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2003), 35 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 810/2003), 50 (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/486/KE) u 52 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 199/2009) fil-Parti 7.2 jitħassaru.

2. It-testi tal-punti 1 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/507/KE), 2 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/389/KE), 3 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/390/KE), 5 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/196/KEE), 6 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/197/KEE), 7 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/198/KEE), 8 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/199/KEE), 9 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/200/KEE), 10 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/201/KEE), 11 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/202/KEE), 12 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/203/KEE), 13 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/204/KEE), 14 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/205/KEE), 15 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/206/KEE), 16 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/240/KEE), 17 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/265/KEE), 18 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/266/KEE), 19 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/267/KEE), 20 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/268/KEE), 21 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/269/KEE), 22 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/270/KEE), 23 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/271/KEE), 24 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/272/KEE), 25 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/273/KEE), 26 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/274/KEE), 27 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/275/KEE), 28 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/276/KEE), 29 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/347/KE), 30 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/348/KE), 31 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/349/KE), 33 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/492/KE), 34 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/493/KE), 35 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/494/KE), 36 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/495/KE) u 37 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/496/KE) taħt "ATTI LI JRIDU JIĠU KKUNSIDRATI MILL-ISTATI EFTA U MILL-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA" fil-Parti 7 jitħassru.

3. It-test tal-punt 18 (Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE) fil-Parti 8 jitħassar.

4. It-testi tal-punti 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE), 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 88/166/KEE), u 7 (id-Direttiva tal-Kunsill (KE) Nru 411/98 fil-Parti 9 jitħassru.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati ebda rekwiżiti kostituzzjonali.